VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 147 tal-2012

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.32

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) kull *seawell*; u"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) kull *borehole* li tiġi mħaffra b'sostituzzjoni ta' *borehole* li tkun ikkollassat b'mod irrevokabbli u li kienet ġiet debitament notifikata jew irreġistrata mal-Awtorità bħala sors tal-ilma ta' taħt l-art użat għal finijiet agrikoli taħt ir-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art jew taħt ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art.

A.L. 120 tal-1997.

L.S. 423.12

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dik il-*borehole* b'sostituzzjoni tal-*borehole* ta' qabel għandha tiġi mħaffra fl-istess "żona ta' referenza" (kif imfisser taħt ir-Regolamenti dwar Skema ta' Ħlas Uniku) tal-*borehole* li tkun ikkollassat b'mod irrevokabbli:

L.S. 146.07

Iżda dik il-*borehole* għanda tiġi ċertifikata bħala li "ikkollassat b'mod irrevokabbli" permezz ta' dikjarazzjoni iffirmata minn Perit u tiġi ddikjarata bħala li "ikkollassat b'mod irrevokabbli" permezz ta' dikjarazzjoni taħt ġurament mill-utent tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art li tkun ikkollassat b'mod irrevokabbli.".